MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**GEOFFREY VALENZIA**

**ONOR. IMHALLEF**
**GIANNINO CARUANA DEMAJO**

Seduta tat-30 ta' Settembru, 2011

Appell Civili Numru. 62/2007/1

**John u Maria Antonia konjuġi Refalo u Emanuel Grima, u b'dikriet tal-15 ta' Lulju 2010 l-ġudizzju ġie trasfuż f'isem John u Antonia konjuġi Refalo minflok Emanuel Grima li miet fil-mori tal-kawża**
***versus***
**Joseph u Maria konjuġi Axiaq, u Paul Axiaq**

1. Dan huwa appell magħmul mill-konvenuti minn sentenza f'kawża ta' spoll mogħtija fit-2 ta' Diċembru 2010 mil-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), Superjuri, Ġurisdizzjoni Ġenerali.

**It-Sentenza tal-ewwel Qorti**

2. L-ewwel qorti kienet iddeċidiet hekk:

«1. tiddikjara li l-konvenuti kkomettew spoll vjolenti u klandestin fil-konfront tal-atturi, meta qabdu u biddlu s-serratura tal-bieb ta' barra tal-fond tmienja u tletin (38) Triq l-Għarus, ix-Xewkija, Għawdex, daħħlu l-ilma u d-dawl fl-istess fond, bidlu n-numru tal-bieb, għamlu kaxxa tal-ittri u fetħu l-ħajt tas-sejjigħ tar-raba' anness miegħu;

«2. tikkundannahom sabiex fi żmien xahar mil-lum jispurgaw dan l-ispoll billi jerġgħu jpoġġu kollox kif kien qabel; u

«3. fin-nuqqas li jagħmlu dan fiż-żmien konċess, tawtorizża lill-atturi sabiex jagħmlu huma l-istess xogħlijiet, a spejjeż tal-konvenuti.»

3. Ikkundannat lill-konvenuti jħallsu wkoll l-ispejjeż.

**It-Talbiet tal-Atturi**

4. L-atturi kienu fissru illi huma s-sidien u kellhom il-pussess tal-*garage* numru tmienja u tletin (38) fi Triq l-Għarus, ix-Xewkija, Għawdex, b'art miegħu ta' madwar elfejn u disgħa u tletin metru kwadru (2,039 $m^2$). Il-konvenuti, bil-moħbi, bi vjolenza u kontra r-rieda tal-atturi ikkommettew spoll billi qabdu u biddlu s-serratura tal-bieb, daħħlu l-ilma u d-dawl fil-fond, biddlu in-numru tal-bieb tiegħu, għamlu kaxxa tal-ittri fil-bieb, fetħu l-ħajt tas-sejjigħ fuq in-naħa ta' wara, komplew ipoġġu ġo fih kwantità kbira ta' oġġetti u materjal ieħor u bdew jaħdmu wkoll ir-raba' li hemm mal-fond. L-atturi saru jafu b'dan kollu fl-24 ta' April 2007. Għalhekk talbu illi l-qorti:

i. tgħid illi l-konvenuti wettqu spoll kontra l-atturi;

ii. tikkundannahom sabiex fi żmien qasir u perentorju jreġġgħu kollox fl-istat li kien qabel; u

iii. jekk jonqsu milli jagħmlu hekk fiż-żmien li jingħatalhom, tagħti lill-atturi s-setgħa li jagħmlu huma x-xogħlijiet meħtieġa bi flus il-konvenuti.

**L-Eċċezzjonijiet tal-Konvenuti**

5. Il-konvenuti kienu ressqu dawn l-eċċezzjonijiet:

i. it-talbiet tal-atturi għandhom jiġu miċħuda;

ii. ma sar ebda spoll vjolenti u klandestin kontra l-atturi;

iii. il-fond u l-art ta' miegħu ilhom fil-pussess kontinwu u mhux interrott tal-konvenuti Joseph u Maria Axiaq għal aktar minn għoxrin (20) sena, u tal-konvenut Pawlu Axiaq għal aktar minn għaxar snin, bil-permess tal-attur

Emmanuel Grima li kien ta ċ-ċwievet lill-konvenut Joseph Axiaq;

iv. din il-kawża hija vessatorja bil-ħsieb li l-atturi jsaħħu l-pożizzjoni tagħhom fil-kawża petitorja li għamlu biex jiżgombraw lill-konvenuti mill-istess art; u

v. ma hux minnu illi fl-24 ta' April 2007 l-atturi saru jafu b'xi fatti differenti minn dawk imfissra mill-konvenuti.

**Konsiderazzjonijiet tal-ewwel Qorti**

6. L-ewwel qorti, kif rajna, wara li ċaħdet l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti, laqgħet it-talbiet kollha tal-atturi. Ir-raġunijiet li wasslu lill-ewwel qorti għal din id-deċiżjoni ġew minnha mfissra hekk:

«Mill-provi mressqa rriżulta illi l-atturi qed jilmentaw għax il-konvenuti, mingħajr il-kunsens jew konsapevolezza tagħhom, qabdu u bidlu s-serratura tal-fond indikat fir-rikors ġuramentat, u għamlu xi xogħlijiet oħra fih, kif indikat fl-istess rikors. Dan il-fatt ma ġiex kontestat mill-konvenuti; anzi l-konvenut Joseph Axiaq stess ammetta illi kien hu li għamel dan, billi fil-post kienu qed jinżammu affarijiet in konnessjoni man-negozju tat-tifel tiegħu li kienu jiswew il-flus.

«Il-konvenuti però jiċħdu li kkommettew xi spoll vjolenti u klandestin u jikkontendu li kellhom il-pussess kontinwu u mhux interrott tal-istess fondi għal diversi snin.

«Il-fatti fil-qosor li taw lok għal din il-kawża kienu s-segwenti. L-attur Emanuel Grima, illum mejjet, ħu l-attriċi Antonia Refalo u kuġin tal-konvenut Joseph Axiaq, kien il-propjetarju tal-garaxx bir-raba' anness miegħu indikati fir-rikors odjern. F'xi żmien il-konvenut Axiaq irritorna mis-safar bil-familja tiegħu u offra lil Grima biex jibda jgħinu fil-kultivazzjoni tal-raba' ta' daqs konsiderevoli li kellu anness ma' dan il-garaxx. Grima, billi kien qed javanza fl-età, aċċetta, u biex jiffaċilita l-aċċess għal Axiaq għal dan ir-raba' tah ukoll kopja taċ-ċavetta tal-bieb tal-garaxx, li minnu kien hemm id-dħul għal dan ir-raba', filwaqt li żamm kopja oħra għalih. Maż-żmien dan ir-raba' kien qed jinħadem unikament minn Axiaq. Billi kien dilettant tal-ħamiem, Axiaq poġġa gabbana tal-injam għall-ħamiem tiegħu ġo dan ir-raba', u beda wkoll juża l-garaxx biex jistiva fih oġġetti tiegħu u oħrajn konnessi man-negozju tat-tifel tiegħu. Fid-19 ta' Lulju 2004 Emanuel Grima ttrasferixxa dawn il-fondi b'titolu ta' donazzjoni lill-atturi

konjuġi Refalo, u tahom kopja oħra taċ-ċavetta. Minkejja li l-konvenuti ġew mitluba jirrilaxxjaw l-istess fondi a libera dispożizzjoni tal-atturi, il-konvenuti rrifjutaw. L-atturi konjuġi Refalo għalhekk ipproċedew b'kawża għall-iżgumbrament tal-konvenuti minn dawn il-fondi, u fil-mori ta' din il-kawża nbidlet is-serratura u saru xi xogħlijiet oħra, b'tali mod li l-atturi ma setgħux jidħlu iżjed fihom.

… … …

«Irriżulta fil-każ in eżami, kif ġà ngħad, illi minkejja li l-konvenuti kellhom ċavetta tal-bieb li jikkonduċi għall-fondi in kwistjoni, l-attur Emanuel Grima dejjem żamm waħda għalih ukoll, sabiex huwa jkun jista' jaċċedi bil-libertà kollha ġewwa l-istess fondi. L-atturi l-oħra wkoll ingħataw kopja ta' din iċ-ċavetta meta akkwistaw il-proprjetà ta' dawn il-fondi mingħand Grima, u allura f'tali ċirkostanzi l-konvenuti ma setax kellhom il-pussess jew detenzjoni assoluta f'idejhom. Dan il-fatt għalhekk huwa suffiċjenti sabiex jistabilixxi l-pussess fl-atturi li teħtieġ il-liġi għall-fini ta' dan l-element.

«L-atti li bihom ġew imwettqa l-ispoll lamentat mhumiex kontestati. Il-konvenut Jospeh Axiaq jgħid li biddel iċ-ċavetta tal-bieb ta' barra tal-garaxx li minnu kienu jaċċedu wkoll biex jidħlu fir-raba' anness, billi f'dawn il-fondi kien qed iżomm ħafna oġġetti personali tiegħu u oħrajn relatati man-negozju tat-tifel, il-konvenut l-ieħor Paul Axiaq. Ġaladarba, però, kif ġà ngħad, ma kellux il-pussess jew detenzjoni assoluta ta' dawn il-fondi, u l-atturi kellhom wkoll aċċess liberu għall-istess fondi sakemm inbidlet is-serratura tal-bieb ta' barra tal-garaxx u lanqas rriżulta li qatt talab xi permess biex jibdel din is-serratura jew biex jagħmel ix-xogħlijiet l-oħra msemmija, bħall-introduzzjoni tad-dawl u l-ilma, it-twaħħil ta' *letter box* u l-bdil tan-numru tal-bieb ta' barra, anzi dan kollu sar minkejja l-oppożizzjoni tal-attur Grima, il-konvenuti qatt ma setgħu jkunu ġustifikati jagħmlu dawn l-azzjonijiet u jittentaw jieħdu l-liġi f'idejhom, anke jekk seta' kellhom xi pretensjonijiet fuq il-fondi in kwistjoni.

«L-atturi jgħidu illi x-xogħlijiet lamentati ndunaw bihom nhar it-Tlieta 24 ta' April 2007. Kienet saret taf ċerta Katerina Attard, li kienet tagħmel xi qadjiet għall-attur Grima, li marret minnufih tinfurmah b'dak li kien ġara. L-atturi mbagħad ipproċedew billi għamlu kwerela mal-

Pulizija biex jittieħdu passi kontra l-konvenuti għal dak li kien ġara, u din ġiet segwita bil-kawża preżenti li ġiet intavolata fil-11 ta' Gunju 2007, u *cioè* entro x-xahrejn stipulati mil-liġi. Il-konvenuti da parti tagħhom qatt ma kkontestaw li dawn ix-xogħlijiet kienu saru fil-viċinanzi tad-data msemmija tal-24 ta' April u għalhekk jirriżulta illi anke dan l-element ġie ppruvat.»

**L-Appell tal-Konvenuti**

7. B'rikors tas-16 ta' Diċembru 2010 l-konvenuti appellaw minn din is-sentenza. L-aggravji tagħhom ġew imfissra hekk:

«Illi preliminarjament is-sentenza appellata hija nulla għaliex l-atturi John u Maria konjuġi Refalo jinsabu assenti minn dawn il-Gżejjer u għalhekk kellu jassumi l-atti għan-nom tagħhom il-mandatarju tagħhom l-Avukat Dottor Anton Refalo.

«L-ewwel onorabbli qorti naqset li tieħu in konsiderazzjoni l-fatt li meta l-konvenut biddel iċ-ċavetta tal-*garage* dan għamlu wara li ħa permess mingħand il-mejjet Emmanuel Grima u dan għamlu proprju għaliex l-istess Emmanuel Grima kien ta kopja taċ-ċavetta tal-istess *garage* lill-atturi, u peress li l-konvenut kellu xi affarijiet personali tiegħu, kien importanti li fl-istess *garage* ma jidħlux ukoll terzi persuni mhux awtorizzati. Il-konvenut għamel dan bil-permess u bil-kunsens ta' min poġġieh fil-pussess *ossia* detenzjoni tal-fond u għalhekk jiġi li jonqsu l-elementi tal-klandestinità u vjolenza f'dan li huwa għamel.

«Illi l-atturi qatt ma kellhom pussess *ossia* detenzjoni tal-fond in kwistjoni u għalhekk kien jonqos fihom wieħed mill-elementi l-aktar importanti sabiex tirnexxi din l-azzjoni u *cioè* l-element tal-*possedisse*. Il-pussess *ossia* detenzjoni tal-*garage* in kwistjoni kien jinsab f'idejn il-konvenuti u dwar dan ma kien hemm ebda dubbju.»

8. L-atturi wieġbu fis-7 ta' Jannar 2011.

**Dwar l-Assenza tal-Atturi meta ngħatat is-Sentenza**

9. Fl-ewwel aggravju tagħhom il-konvenuti jgħidu illi s-sentenza tal-ewwel qorti hija nulla għax meta ngħatat l-atturi kienu assenti minn dawn il-Gżejjer.

10. Ma huwiex kontestat illi l-atturi tassew kienu msefrin meta ngħatat is-sentenza.

11. Dan, iżda, ma jwassalx għan-nullità tas-sentenza. Li tgħid il-liġi, fl-art. 929(*a*) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u

Proċedura Ċivili, hu illi għandhom jinħatru kuraturi "fl-interess ta' nies assenti" meta dawn "ma jkunux rappreżentati skond il-liġi". Fil-każ tallum iżda l-atturi kienu rappreżentati minn prokuratur legali li fost il-funzjonijiet tiegħu hemm dik li jirrappreżenta lill-parti, kif jidher ukoll mill-art. 180(1) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili li jgħid illi att ġudizzjarju jista' jiġi preżentat minn "prokuratur ta' persuni li jinsabu barra mill-Gżira ta' Malta jew ta' Għawdex, li fiha l-iskrittura tiġi ppreżentata", jew inkella minn prokuratur legali. Ma hemmx il-ħtieġa illi l-prokuratur legali jassumi wkoll l-atti, għallinqas meta l-assenza, bħal fil-każ tallum, hija temporanja, ladarba l-funzjoni tiegħu ta' prokuratur fil-proċeduri ġudizzjarji toħroġ *ex lege*.

12. Dan l-ewwel aggravju huwa għalhekk miċħud.

**Dwar li l-Konvenuti kellhom il-Permess ta' Emmanuel Grima**

13. Fit-tieni aggravju l-konvenuti jgħidu illi dak li għamlu għamluh bil-permess ta' Emmanuel Grima. Dan huwa kontestat mill-atturi.

14. Ukoll jekk huwa minnu dak li jgħidu l-konvenuti, dan imur x'aktarx kontra milli favur it-teżi tagħhom, għax bil-fatt li jgħidu li ngħataw permess qegħdin jammettu li dan il-permess kien meħtieġ u b'hekk jagħarfu illi l-pussess kien għadu vestit f'ħaddieħor.

15. Naturalment, jekk tassew ingħataw permess tal-pussessur biex jagħmlu dak li għamlu, dan ma għamluhx bil-moħbi jew kontra r-rieda tal-pussessur. Fil-fehma ta' din il-qorti, iżda, lill-konvenuti ma seħħilhomx juru illi tassew kellhom dan il-permess; lanqas huma stess fix-xiehda tagħhom b'*affidavit*[1] ma jgħidu hekk: kulma jgħidu hu illi Emmanuel Grima kien qalilhom illi "aħjar il-post ikun aktar sigur". B'hekk iżda ma jfissirx li lill-konvenuti qalilhom iċaħħdu lilu u lill-atturi l-oħra mill-pussess.

16. Barra minn hekk, fiż-żmien meta sar l-ispoll Emmanuel Grima kien ġà għadda l-proprjetà u l-pussess tal-fond lill-atturi Refalo u għalhekk, jekk kien meħtieġ xi kunsens ta' xi ħadd, kien meħtieġ il-kunsens tal-atturi Refalo, u dan żgur li qatt ma ngħata.

17. Dan l-aggravju wkoll huwa għalhekk miċħud.

---

1 *Foll.* 40 *et seq.* tal-atti tal-ewwel qorti.

**Dwar jekk l-Atturi kellhomx il-Pussess jew id-Detenzjoni tal-Fond**

18. Fl-aħħar aggravju tagħhom il-konvenuti jgħidu illi l-atturi ma kellhomx il-pussess jew detenzjoni tal-fond u għalhekk jonqos wieħed mill-elementi meħtieġa biex tirnexxi l-azzjoni.

19. Dan l-aggravju huwa, fil-fehma tal-qorti, fieragħ għall-aħħar. Ġà rajna illi l-konvenuti stess, bl-allegazzjoni tagħhom li talbu l-permess ta' Emmanuel Grima, qegħdin jagħarfu illi dan kellu pussess, u għalhekk għandhom pussess ukoll l-atturi Refalo bħala *aventi causa* minnu.

20. Barra minn hekk, mix-xiehda ħareġ illi l-atturi Refalo wkoll kellhom kopja taċ-ċavetta. Anzi, kien dan il-fatt illi wassal lill-konvenuti biex jibdlu s-serratura għax ma ridux illi l-atturi Refalo jkollhom aċċess għal fond fejn kien hemm ħwejjeġ il-konvenut Paul Axiaq. U huwa appuntu f'dak li għamlu biex iċaħħdu lill-atturi minn dan l-aċċess illi jinsab l-ispoll.

21. Dan l-aggravju wkoll huwa għalhekk miċħud.

**Konklużjoni**

22. Il-qorti għalhekk tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata, b'dan illi ż-żmien ta' xahar mogħti lill-atturi biex ireġġgħu kollox kif kien qabel ma sar l-ispoll għandu jibda jgħaddi millum. L-ispejjeż taż-żewġ istanzi għandhom iħallsuhom il-konvenuti.

| | | |
|---|---|---|
| Silvio Camilleri | Geoffrey Valenzia | Giannino Caruana Demajo |
| Prim Imħallef | Imħallef | Imħallef |

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------